MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2006

Numru 480/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea**
**Spettur Dennis Theuma)**

**Vs**

Emmanuel Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Emmanuel Camilleri ta’ karta ta’ identita’ numru 116779(M), akkuzat talli f’Burmarrad fit-28 ta’ April, 2000 f’xi hin fil-ghodu:

a) dolozament, bil-hsieb li jaghmel delitt, cioe’ li joqtol lil Kevin Camilleri mill-Wardija jew li jqieghdlu il-hajja tieghu f’perikolu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, billi permezz ta’ arma tan-nar ta’ daqqiet ripetutament bic-cipp ta’ senter fir-ras

tal-imsemmi Kevin Camilleri u ikkaguna diversi griehi ta' natura gravi hekk kif iccertifikaw it-tobba Dr Franco Mercieca u Dr Mark Xuereb ta' l-Isptar San Luqa liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

b) bil-fomm hedded lil Kevin Camilleri b'delitt.

c) Uza vjolenza ma' Kevin Camilleri sabiex igieghlu li jaghmel xi haga.

d) Kiser volontarjament il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u kliem hazin.

e) F'dawn il-Gzejjer b'diversi azzjonijiet maghmulin b'rizoluzzjoni wahda qabel ix-xahar ta' Frar 2000 hareg ghall-kacca minghajr ma kellu Licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Qrat l-artikolu mahruga mill-Avukat Generali a bazi ta' liema baghat lura l-atti quddiem din il-Qorti sabiex tiddeciedi dwar il-htija jew in-nuqqas ta' htija ta' l-imputat.

Semghet l-imputat jaghti l-kunsens tieghu biex il-kawza ssir sommarjament.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Lulju, 2006.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi ghandu jirrizulta illi l-imputat ghandu jinstab hati tat-tieni, it-tielet u r-raba' akkuzi, kif ukoll ghall-akkuza li l-imputat hu recidiv.

F'dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza, il-provi juru illi l-griehi huma ta' natura hafifa u l-Qorti sejra wara li qieset ic-cirkostanzi ssib lill-imputat hati li kkaguna dawn il-griehi hfief.

Qrat ghall-fini tal-piena l-artikoli 221, 339(e), 338(dd), 49, 50, 17 tikkundannah Lm50 multa fuq l-ewwel akkuza u ammenda ta' Lm50 ohra dwar l-akkuzi l-ohra kontestwalment.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------